



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

14487/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0124 (CNS)

FISC 494
ECOFIN 1084
UD 289

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE rigward l-inklużjoni tal-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano fit-territorju doganali tal-Unjoni u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE
----------	---

DIRETTIVA TAL-KUNSILL (UE) .../...

ta' ...

**li temenda d-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE
rigward l-inklużjoni
tal-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia
u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano
fit-territorju doganali tal-Unjoni
u fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew²,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

¹ Opinjoni ta' (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

² Opinjoni tal-11 ta' Lulju 2018 (ĠU C 367, 10.10.2018, p. 117).

Billi:

- (1) Permezz tal-ittra tagħha tat-18 ta' Lulju 2017, l-Italja talbet li l-muniċipalit  Taljana ta' Campione d'Italia u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano jiġu inklużi fit-territorju doganali tal-Unjoni kif definit fir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ kif ukoll fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE² għall-finijiet tad-dazju tas-sisa, filwaqt li dawk it-territorji jitħallew barra mill-kamp ta' applikazzjoni territorjali tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE³ għall-finijiet tat-taxxa fuq il-valur miżjud.
- (2) Il-muniċipalit  Taljana ta' Campione d'Italia, esklava Taljana fit-territorju tal-Iżvizzera, u l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta' Lugano jenħtieġ li jiġu inklużi fit-territorju doganali tal-Unjoni għax ma għadhomx japplikaw ir-raġunijiet storiċi li jiġġustifikaw l-esklużjoni ta' dawk it-territorji, bħall-iżolament u l-iżvantaġġi ekonomiċi tagħhom. Għall-istess raġunijiet, dawk it-territorji jenħtieġ li jiġu inklużi fl-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2008/118/KE.

¹ Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1).

² Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12).

³ Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

- (3) Madankollu, l-Italja trid tkompli bl-esklużjoni ta' dawk it-territorji mill-applikazzjoni territorjali tad-Direttiva 2006/112/KE, għax dan huwa essenzjali biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi bejn l-operaturi ekonomiċi stabbiliti fl-Iżvizzera u fil-muniċipalità Taljana ta' Campione d'Italia bl-applikazzjoni ta' sistema ta' tassazzjoni indiretta lokali b'konformità mas-sistema tat-taxxa fuq il-valur miżjud Żvizzera.
- (4) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun strettament marbuta mar-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Għalhekk, jenħtieġ li l-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni neċessarji għall-konformità ma' din id-Direttiva japplikaw mid-data ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.
- (5) Għaldaqstant, id-Direttivi 2006/112/KE u 2008/118/KE jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

¹ Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... li jemenda r-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L ..., ..., p. ...).

⁺ ĠU: Jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jinsab fid-dokument PE-CONS .../... (2018/0123(COD)) u daħħal in-numru, id-data, u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota ta' qiegħ il-paġna.

Artikolu 1

Fid-Direttiva 2006/112/KE, l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-paragrafu 1, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

“(f) Campione d’Italia;

(g) l-ilmijiet Taljani tal-Lag ta’ Lugano.”;

(2) fil-paragrafu 2, jitħassru l-punti (f) u (g).

Artikolu 2

Fl-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2008/118/KE, jitħassru l-punti (f) u (g).

Artikolu 3

1. Sal-31 ta’ Diċembru 2019, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri neċessarji biex jikkonformaw ma’ din id-Direttiva. Huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Dawn għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta’ Jannar 2020.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. Il-metodi ta' kif għandha issir din ir-referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
